# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 17 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 5**

**Rikors numru 1087/2011/1 AE**

**George Baldacchino, u b'digriet tas-16 ta' Awwissu, 2019, stante l-mewt ta' George Baldacchino l-atti gew trasfuzi f'isem Luana, Jesmar u Jamie, ahwa Baldacchino**

**v.**

**Malta Freeport Terminals Limited (C 27581)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors promotur tal-attur George Baldacchino tal-4 ta' Novembru, 2011, li permezz tieghu nghad hekk:

> "1. Illi r-rikorrenti huwa impjegat tas-socjeta' intimata Malta Freeport Terminals Limited u ilu hekk impjegat maghha ghal diversi snin;
> "2. Illi x-xoghol tieghu huwa ta' *F1 Operator* u bhala tali jahdem shift ta' tmien (8) sieghat fejn erba' (4) sieghat minnhom huwa jahdem

bhala *crane operator* u r-rimanenti erba’ (4) sieghat jahdem bhala *deckman*;

“3. Illi fis-sebgha (7) ta’ Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) waqt li r-rikorrenti kien qieghed jahdem mas-socjeta’ intimata u kien jinsab fuq il-bastiment “Reckmers” li dan tal-ahhar kien marbut/irmiggat fil-Malta Freeport, ir-rikorrenti kien involut f’incident u korra serjament fuq il-lant tax-xoghol;

“4. Illi l-incident kien jikkonsisti fil-fatt illi fis-sebgha (7) ta’ Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) ghall-habta tas-sitta u nofs ta’ filghaxija (18:30) waqt li r-rikorrenti kien jinsab fuq il-bastiment “Reckmers” waqt il-lant tax-xoghol, ir-rikorrenti tfixkel f’xi oggetti, ossia *bottle screws*, li thallew fil-passagg ta’ bejn il-*containers*, u sabiex jevita li jaqa’ gholi ta’ madwar sular gewwa wahda mill-*bays* tal-vapur b’konsegwenzi serji ghal sahhtu, huwa ittenta jsalva hajtu billi qabad mal-firroll tal-container u spicca mdendel fuq idu l-leminija mal-istess firroll tal-container u b’konsegwenza ta’ dan l-incident soffra korriment;

“5. Illi b’rizultat ta’ l-imsemmi incident ir-rikorrenti sofra danni fosthom telf ta’ qligh, dizabilita’ permanenti u danni konsegwenzjali ohra u dan skond ma jirrizulta mic-certifikat mediku rilaxxjat minn Mr. Anthony A. Bernard (Consultant Orthopaedic Surgeon), kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument GB1;

“6. Illi l-imsemmi incident sehh unikament tort, b’negligenza, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti fosthom dawk tas-sigurta’ fuq il-post tax-xoghol da parti tas-socjeta’ intimata u konsegwentement is-socjeta’ intimata hi responsabbli ghal dan il-korriment u d-danni konsegwenzjali ghal varji ragunijiet fosthom li ma ipprovdietx ‘*a safe system of work’* u ‘*a safe work environment’*;

“7. Illi s-socjeta’ intimata minkejja li giet interpellata sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti f’dan l-incident, baqghet inadempjenti;

“8. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

“Ghaldaqstant, tghid ghalhekk is-socjeta intimata ghaliex m’ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja u permessa mil-ligi, joghgobha:

“1. Tiddikjara, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi, li s-socjeta’ intimata hija responsabbli ghall-incident li fih kien involut u korra r-rikorrenti u liema incident sehh nhar is-sebgha (7) ta’ Novembru 2009 fil-Malta Freeport, f’Kalafrana abbord tal-bastiment “Reckmers” waqt li r-rikorrenti kien qieghed jahdem ix-xoghol tieghu; u

“2. Tiddikjara, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi, illi r-rikorrenti per konsegwenza ta’ dan l-incident sofra danni fosthom telf ta’ qligh, dizabilita’ permanenti, u danni konsegwenzjali ohra;

“3. Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi, d-danni sofferti mir-rikorrenti;

"4. Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni.

"Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta Malta Freeport Terminals Limited tas-6 ta' Jannar, 2012, li permezz taghha eccepiet:

"1. Illi l-incident in kwistjoni sehh minhabba negligenza, imprudenza, traskuragni, nonosservanza, nuqqas ta' *proper look out* u nuqqas ta' diligenza tar-rikorrenti waqt li kien fuq il-post tax-xoghol;
"2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' intimata mhix responsabbli ghall-incident de quo;
"3. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet kollha tar-rikorrenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kawza odjerna.
"Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
"Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni."

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-13 ta' Novembru, 2015, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi filwaqt li cahdet it-tieni u tielet eccezzjonijiet, b'riferenza ghall-ewwel eccezzjoni ddikjarat li kien hemm htija kontributorja min-naha tal-attur. Kwindi laqghet it-talbiet tal-attur u llikwidat id-danni fis-somma ta' €38,545; ikkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' €38,545, bl-imghax mid-data tas-sentenza. Bl-ispejjez jinqasmu in kwantu ghal 70% a karigu tas-socjeta` konvenuta u 30% a karigu tal-attur, gialadarba rriteniet li kien hemm htija kontributorja u l-ammont li kien qieghed jippretendi kien ferm iktar minn dak li llikwidat il-Qorti.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Konsiderazzjoni.

“1. Il-kawza titratta incident li sehh fuq il-post tax-xoghol fis-7 ta’ Novembru 2009. L-attur hu mpjegat tas-socjeta konvenuta. Dakinhar l-attur kien qieghed jaghmel xoghol ta’ deckman fuq il-bastiment Reckmers. Jidher li waqt li kien miexi f’passagg ma’ gemb il-containers, tfixkel f’xi oggetti li kien hemm fl-art u rnexxielu jaqbad ma’ firoll ta’ container u b’hekk jevita milli jibqa’ niezel l-isfel.

“Responsabbilta.

“2. Hu maghruf li l-principal ghandu d-dmir li joffri lill-impjegat a safe work environment. Skond regolament 4 tar-Regolamenti dwar *Disposizzjonijiet General dwar is-Sahha u s-Sigurta’ Fuq il-Post tax-Xoghol* (Legislazzjoni Sussidjarja 424.18):

“*Ghandu jkun id-dmir ta’ min ihaddem li jizgura s-sahha u s-sigurta’ tal-haddiema f’kull zmien u f’kull aspett li ghandu x’jaqsam max-xoghol*”.

Ix-xoghol li jsir fil-Freeport hu min-natura tieghu xoghol perikoluz. Hu d-dmir tas-socjeta konvenuta li qabel tibghat lill-haddiema taghha jahdmu fuq bastiment, isir risk assessment f’dik il-parti tal-bastiment fejn ikun ser isir ix-xoghol. M’huwiex bizzejjed ghall-principali li jimponi xi obbligu simili fuq il-kaptan tal-bastiment.

“3. F’dan il-kaz il-qorti qeghda tifhem li fil-gemb tal-passagg minn fejn kien miexi l-attur ma kienx hemm safety protection railings. Dan fih innifsu kien ta’ periklu, iktar u iktar meta tqies li fl-art tal-passagg kien hemm oggetti tal-hadid li l-qorti fehemet jintuzaw biex jintrabtu l-containers. Id-dmirijiet tal-principal jinkludu li:-

*“(a) jidentifika l-perikli fuq il-post tax-xoghol u ghandu jevita r-riskji ghas-sahha u s-sigurta.*
*(b) jevalwa dawk ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta’ tal-haddiem li ma jistghux jigu evitati u ghandu jikkontrollahom mill-bidu”* (regolament 5 ta’ L.S. 424.18).

“F’dan il-kaz m’hemmx prova li sar dan l-ezercizzju[1]. ‘Il fatt li l-attur kien midhla tax-xoghol u kellu snin ta’ esperjenza ma jezonerax lill-kumpannija konvenuta milli twettaq dan l-ezercizzju. Dan in-nuqqas wahdu hu bizzejjed biex jesponi lill-principal

[1] John Visanich, xhud tal-konvenuta, xehed li l-Health & Safety Officer jidhol normalment fejn ikun hemm xi tip ta’ hazard. Fejn ma jkun hemm xejn straordinarju, ma jkunx involut (fol. 67D).

responsabbli, in kwantu l-qorti hi konvinta li kieku sar dan l-ezercizzju u ttiehdu l-mizuri li kien hemm bzonn, l-incident ma kienx isehh. Kien id-dmir tal-principal li jiehu dawk il-mizuri u jaghti dawk l-ordnijiet sabiex jitnehha l-periklu u b'hekk jipprovdi lill-impjegat *a safe environment*. Kieku sar dak li kellu jsir, f'dan il-kaz il-periklu kien jitnehha u l-incident ma kienx jigri. 'Il fatt li fil-Freeport m'hemmx hin x'jintilef u l-kwantita kbira ta' vapuri, ma jezonerax lill-principal mill-obbligi li ghandu fil-konfront tal-impjegati tieghu. Mario Delicata, Health and Safety Officer, xehed li jekk kellu jsir risk assessment fir-rigward ta' kull bastiment: "*Huma hela [ta'] rizorsi u hela ta' flus li noqghod nitla' naghmel fuq kull vapur spezzjoni*"[2]. F'dan ir-rigward spjega: "*Tal-merkanzija ghandek il-vapur, dahal, il-crane jibbumja fuqu u just ibattal u timla' l-container. Issa dak ir-risk assessment tieghu huma kollha l-istess*". Il-qorti ma taqbilx ma' dan it-tip ta' ragunament. Il-qorti tifhem li d-deck fejn sehh l-incident m'huwiex identiku ghal kull vapur. Hekk per ezempju f'dan il-kaz il-qorti fehemet li biex l-attur spicca f'posizzjoni fejn tahtu kien hemm il-vojt, ma kienx hemm *safety protection railing*. Qabel kull bicca xoghol ghandhom jigu identifkati l-perikli li hemm abbord ghall-haddiema. Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenuta argumentat li l-oggetti fil-passagg kienu tpoggew mill-haddiema tax-xatt li m'humiex impjegati taghha. Irrispettivament ta' min huma mpjegati, qabel l-attur intbaghat jahdem fuq il-bastiment kien id-dmir tal-konvenuta li tikkunsidra r-riskji li kien hemm fuq il-bastiment u fejn jirrizultalha periklu tagixxi qabel jibda x-xoghol.

"4. Fir-rigward tal-konvenut hu evidenti li dan kien impjegat bi snin twal ta' esperjenza[3]. Hu essenzjali li l-haddiema jiehdu hsieb taghhom infushom. Regolament 15 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 424.18 tipprovdi:

*"(1) Ghandu jkun id-dmir ta' kull haddiem li jiehu hsieb kemm jista' jkun is-sahha u s-sigurta' tieghu stess kif ukoll dawk ta' persuni ohrajn li jistghu jkunu affettwati bl-atti jew nuqqasijiet tieghu skond it-tahrig u l-istruzzjonijiet moghtija minn min ihaddem"*.

"Kull impjegat ghandu dmir li jahdem b'mod sigur, metodiku u b'attenzjoni. Qabel jibda jaqdi dmirijietu ghandu wkoll jezamina l-ambjent ta' madwaru.

"L-attur xehed:
"*Dakinhar tal-incident kif tlajt fuq id-deck mort biex nimxi fuq dan il-passagg li kien mimli b'dawn il-lashing bars (vireg) u bottlescrews u affarijiet ohra, u kif mort biex nimxi fuq dan il-passagg tfixkilt f'dawk il-bottlescrews u saqajja giet fil-vojt ta' dik il-bay. Ghalhekk biex nevita milli naqa' madwar sular gholi u nigi fuq hafna vireg u bottlescrews u ghalhekk biex nipprova nittenta nsalva hajti, ftaht idejja u qbadt mal-firroll tal-container. Dak il-hin*

[2] Seduta tas-7 ta' Frar 2014.
[3] L-attur xehed li kien ilu jaghmel dan ix-xoghol ghal tlieta u ghoxrin (23) sena.

*gejt fl-arja mdendel biss fuq idi l-leminija mal-istess firroll tal-container sakemm irnexxieli nerga' nitfa' sieqi lura fuq il-passagg*" (fol. 32).

"Meta l-impjegat jara li hemm periklu manifest ghas-sahha u s-sigurta, ghandu jieqaf u jitlob l-intervent tas-superjuri tieghu [regolament 15(2)(d)]. Sfortunatament, incidenti fuq il-post tax-xoghol jigru wkoll minhabba kunfidenza zejda u dizattenzjoni min-naha tal-impjegat. Jidher li l-impjegati tas-socjeta konvenuta jinghataw tahrig dwar safety[4]. Johorgu wkoll *Safety Bulletins*[5]. Il-qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami kien hemm nuqqas ta' attenzjoni min-naha tal-attur li ha riskju bla bzonn. Ghalhekk il-qorti tikkonkludi li kien hemm negligenza kontributorja u mill-ammont tad-danni li ser tillikwida ser tnaqqas 30%.

"Danni.

"5. Il-perit mediku nkarigat mill-qorti rrelata li l-attur qieghed isofri minn debilita' ta' 12% (fol. 45). Fir-rapport jinghad: "*Ghalkemm ma garrabx ksur fl-ghadam, jidher li bl-iskoss garrab ticrita fil-muskoli rotatorji tal-ispalla (rotator cuff muscles)….. It-ticrita fil-muskoli hi wahda kbira u ghaldaqstant hemm possibilta' kbira li ma tkunx tista' tissewwa b'operazzjoni (unreconstructable tear)*" (fol. 44). Jinghad ukoll: "*Ticrita tal-muskoli rotatorji tal-ispalla twassal ghal ugiegh u dghufija. Tista' wkoll wara numru ta' snin tikkawza artrite (cuff arthopathy) fl-ispalla. Din l-artrite, jekk qawwija bizzejjed, tista' twassal ghal shoulder replacement*" (fol. 44). Il-qorti taghzel li toqghod fuq ir-rata ta' debilita' li ffissa l-perit mediku, wara li qieset li m'hemmx prova li d-debilita' kellha effett fuq il-qliegh li ghandu l-attur mill-impjieg mal-konvenuta. Dan apparti li l-attur ma ressaqx provi jew argumenti li jwassluha biex tiskarta l-opinjoni tal-espert mediku nominat minnha stess u minflok taddotta l-opinjoni tal-espert *ex parte*.

"6. L-attur twieled fl-14 ta' Mejju 1963 (fol. 26) u ghalhekk fid-data tal-incident kellu 46 sena. Il-qorti fehemet li l-attur ghadu mpjegat mal-konvenuta. Mill-incident ghaddew seba' (7) snin. Il-qorti ser taghmel kalkoli a bazi ta' *multiplier* ta' tlettax-il sena. Ghalkemm l-attur ippropona *multiplier* ta' 18, dan jipprezumi li l-eta pensjonabbli hi ta' 65 sena u li jeskludi ghal kollox li jittiehed in konsiderazzjoni l-istat ta' incertezza peress li qieghed jigi previst il-futur. Dan apparti li ghas-snin 2009 u 2010 l-attur diga' ser jigi kkumpensat ghat-telf ta' qliegh li effettivament sofra fil-perjodu li ma kienx qieghed jirraporta ghax-xoghol.

"7. Mill-atti jirrizulta li l-attur kellu dan il-qliegh gross:-

2009 - €26,096.

[4] Ara x'qal Mario Delicata fis-seduta tas-7 ta' Frar 2014.
[5] Ara Dok. MD2.

2010 - €16,306.
2011 - €29,901.
2012 - €34,690.
2013 - €35,046.
"Matul is-sena 2009 u 2010 l-attur kien ghamel perjodu bis-*sick leave*. Skond dokument li pprezentat il-konvenuta, il-medja ta' qliegh ghas-sena 2009 kien ta' €29,640 filwaqt li ghas-sena 2010 kien ta' €27,947 (ara Dok. JV13[6]). Jidher li minn dawn l-ammonti tnaqqsu l-beneficcji li thallsu lill-attur ghall-istess snin.

"L-attur jippretendi li l-kalkoli ghandhom isiru fuq qligh annwali ta' €41,341.35[7]. Mehud in konsiderazzjoni dak li nghad hawn fuq il-kalkoli ser isiru fuq €37,000 fis-sena. Madankollu minn din ic-cifra ghandha titnaqqas 15%[8], biex tiehu in konsiderazzjoni tat-taxxa li jhallas kull sena. F'dan ir-rigward issir riferenza ghas-sentenza Francis Cutajar vs Malta Freeport Terminals Ltd deciza minn din il-qorti kif presjeduta fit-30 ta' Lulju 2015[9]. Ghaldaqstant, it-total hu €31,450.

"8. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur qal li fil-likwidazzjoni tad-danni l-qorti ghandha tikkunsidra wkoll li peress li l-attur huwa manual labourer, "….. *l-effett ta' tali dizabilta' fuq il-learning ability tieghu u 'l fatt illi tenut kont ta' din id-dizabilta', ir-rikorrenti jista' ma jibqax kapaci jaghmel ix-xoghol li qed jaghmel bhalissa u dan skond il-perit mediku, Mr. Massimo Abela…..".* L-attur ghadu qieghed jahdem u m'hemmx provi li jikkonvincu lill-qorti li probabilment ser ikollu jirtira mix-xoghol qabel jilhaq l-eta pensjonabbli.

"9. Id-danni qeghdin jigu likwidati:-

"i. Fir-rigward ta' telf ta' qliegh, mill-provi rrizulta li wara l-incident l-attur dahal lura ghax-xoghol fis-17 ta' Settembru 2010[10]. Dan fisser telf ta' qliegh ghall-attur. A bazi tat-taghrif li hemm fid-dokument JV13 il-qorti qeghda tillikwida dan l-ammont fis-somma ta' **€15,185**[11]. Minn din ic-cifra trid titnaqqas 12% taxxa[12] li kien

[6] Prezentat waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2014. Dan id-dokumenti jirreferi ghall-persuni bl-istess kariga bhall-attur, cjoe' Equipment Operators F1.
[7] Paragrafu 4 tan-nota ta' sottomissjonijiet.
[8] Dan il-persentagg gie stabbilit a bazi tat-taghrif li hemm l-FSS ghas-snin 2011, 2012 u 2013.
[9] Ara wkoll sentenzi citati fl-istess sentenza.
[10] Hekk xehed John Visanich, *personnel officer* mas-socjeta konvenuta (fol. 67D).
[11] Id-dokument gie pprezentat minn John Visanich, u fih hemm il-medja ta' qliegh li kellhom *Equipment Operators F1* matul is-snin 2009 (€29,640) u 2010 (€27,947). Fid-dokument hemm ukoll xi dhul kellu l-attur bhala injury benefit ghall-istess snin, izda jinghad li "*Injury Benefits deducted in respect of George Baldacchino (Not Included in Gross Salary)*". Ghalhekk m'hemmx htiega li jsir tnaqqis ghall-beneficcji li rcieva. Meta paragunat mal-FSS tal-attur ghas-snin 2009 u 2010, bhala qliegh tilef €3,544 ghas-sena 2009 u €11,641 ghas-sena 2010. Total ta' €15,185. Ammont li fil-fehma tal-qorti jirrifletti ahjar x'effettivament tilef l-attur minkejja dak li qal f'paragrafu 6.2 tan-nota ta' sottomissjonijiet.
[12] Dan il-persentagg gie stabbilit a bazi tat-taxxa li hallas fis-snin 2009 u 2010 meta tqies il-qliegh li kellu (ara FSS ta' dawn is-snin).

ihallas kieku kellu dan il-qliegh, b'total ta' €13,362.80. Trid titnaqqas 30% minhabba htija kontributorja, b'total ta' €9,353.
ii. €31,450 x 13 il-sena = €408,850 x 12%[13] = €49,062 – 15%[14] = €41,702.70 – 30%[15] = €29,191.90.
iii. Total ta' danni hu ta' tmienja u tletin elf hames mija u hamsa u erbghin ewro (€38,545)."

5. Rat ir-rikors tal-appell imressaq mill-attur George Baldacchino li permezz tieghu u ghar-ragunijiet hemm imfissra, talab lil din il-Qorti sabiex tilqa' l-appell tieghu, b'dan li s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi tigi varjata, fis-sens illi:

"(i) tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn cahdet it-tieni u t-tielet eccezzjoni tas-socjeta` appellata;
"(ii) tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn laqghet it-talbiet tal-attur appellanti u sabet htija fis-socjeta` appellata;
"(iii) thassar dik il-parti tas-sentenza fejn sabet il-htija kontributorja fl-attur appellant fil-mizura ta' 30% u minflok tghaddi biex tiddeciedi li l-istess appellant ma kien bl-ebda mod negligenti u ma kkontribwixxa bl-ebda mod u li r-responsabbilta` ghall-akkadut hu unikament u esklussivament tas-socjeta` appellata;
"(iv) thassar, tannulla u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata dwar il-kwantifikazzjoni u likwidazzjoni tal-hsarat u danni u minflok tghaddi biex tikkwantifika u tillikwida l-hsarat u d-danni fuq l-iskorta ta' dawk il-principji hawn fuq esposti;
"(v) thassar, tannulla u tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn ordnat li l-ispejjez jinqasmu in kwantu ghal 70% a karigu tas-socjeta` appellata u 30% a karigu tal-attur appellanti u minflok tordna li l-ispejjez jithallsu fl-intier mis-socjeta` appellata;

"bl-ispejjez kemm dawk ta' quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad u ta' dawk quddiem din l-Onorabbli Qorti, a karigu tas-socjeta` appellata."

6. Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta` Malta Freeport Terminals Limited, li permezz taghha wiegbet li din il-Qorti ghandha tirrespingi u

[13] Debilita` permanenti.
[14] *Lump sum payment,* meqjus li l-kawza giet prezentata fl-4 ta' Novembru 2011.
[15] Htija kontributorja.

tichad l-appell imressaq mill-attur appellant u tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Novembru, 2015, fil-kawza fl-ismijiet hawn premessi, bl-ispejjez kontra l-attur appellant.

7. Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in ezami.

8. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat.

9. Illi din il-kawza titratta talba tal-attur ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilta`, kif ukoll talba ghal-likwidazzjoni u kundanna ghall-hlas ta' danni konsegwenti ghall-incident li huwa kellu fis-7 ta' Novembru, 2009, fuq il-post tax-xoghol, li jghid sehh tort, b'negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti da parti tas-socjeta` konvenuta, li ghalhekk hija responsabbli ghall-korriment u ghad-danni li huwa sofra meta naqset milli tipprovdi *a safe system of work* u *a safe work environment*.

10. Filwaqt li s-socjeta` konvenuta tichad ir-responsabbilta` ghall-incident, issostni li l-incident sehh konsegwenza tan-nuqqas tal-istess

konvenut li jzomm *proper look out* u nuqqas ta' diligenza da parti tal-istess attur.

11. L-ewwel Qorti filwaqt li rriteniet li s-socjeta` konvenuta kellha ggorr percentwal ta' 70% bhala responsabbilta` ghall-incident li sehh, fejn l-attur sofra dizabilità permanenti, qieset li l-istess attur kellu jgorr parti mir-responsabbilta` wkoll ghall-akkadut u dan fil-percentwal ta' 30%. Kwindi wara li l-ewwel Qorti llikwidat id-danni, kkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas total ta' danni fl-ammont ta' €38,545, li jinkludi kemm id-*damnum emergens,* kif ukoll il-*lucrum cessans.*

12. L-attur hassu aggravat bl-imsemmija sentenza u interpona appell minnha, fejn jikkontesta l-valutazzjoni, fattwali u legali tal-provi imwettqa mill-ewwel Qorti, l-apprezzament zbilancjat tal-fatti mressqa lilha, kif ukoll jilmenta li nghatat interpretazzjoni hazina tal-aspetti guridici li jirregolaw il-vertenza. Dan, isostni l-attur appellant, wassal lill-ewwel Qorti sabiex iddecidiet li kien hemm negligenza kontributorja da parti tieghu, mentri fil-verita` jishaq li ma kenitx ezistenti. Hekk ukoll, l-attur appellant jilmenta li l-ewwel Qorti kkwantifikat il-hsarat fuq normi erratici, bil-konsegwenza li l-likwidazzjoni tad-danni ma tirriflettix dak li kellu jiehu l-attur appellant bhala kumpens ghas-sinistru li huwa garrab.

13. Fir-risposta taghha, is-socjeta` konvenuta appellata tikkontendi li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma. Konsegwentement l-appell interpost ghandu jigi michud fl-interita` tieghu. Tishaq li in kwantu l-appell jissejjes fuq il-valutazzjoni tal-provi, dan hu fondat fuq il-principju tal-liberu konvinciment tal-gudikant li jibbaza d-decizjoni tieghu fuq dawk il-provi li jidhirlu li huma l-aktar attendibbli ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. F'dan l-ezercizzju l-gudikant huwa limitat biss mill-obbligu naxxenti mill-Artikolu 218 tal-Kap. 12, li jaghti motivazzjoni ghall-konkluzjoni tieghu, li jekk tikkorrispondi mal-logika, m'ghandhiex tigi ddisturbata minn qorti ta' revizjoni. Is-socjeta` appellata tishaq li minn qari tas-sentenza ma hemm xejn illogiku jew manifestament zbaljat jew li holoq ingustizzja manifesta. Anzi tinsisti li l-ewwel Qorti ezaminat bir-reqqa l-azzjonijiet jew nuqqasijiet tal-kontendenti fil-kawza sabiex waslet ghall-konkluzjonijiet taghha. Kwindi titlob li l-appell jigi michud.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

14. Ghandu jinghad mal-ewwel li, sa fejn l-appell jissejjes fuq l-apprezzament zbaljat maghmul mill-ewwel Qorti, u sa fejn is-socjeta` konvenuta ssostni li din il-Qorti, bhala wahda ta' revizjoni m'ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti, kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-14 ta' Dicembru, 2018, fil-kawza fl-ismijiet

**Dr. Antoinette Cutajar v. l-Onor. Dr. Joseph Muscat - Prim'Ministru et**:

> "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*."

Applikati dawn il-principjі ghall-kaz in ezami, jehtieg li din il-Qorti tifli mill-gdid il-provi ritenuti relevanti in atti, fil-qafas tal-kriterji legali applikabbli u dan sa fejn jolqot l-aggravji tal-appellant. Hekk ukoll din il-Qorti tintervjeni jekk tirradika fiha l-fehma li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti huwa manifestament zbaljat b'mod li jekk tibqa' tregi l-konkluzjoni bbazata fuqu tkun qed issir ingustizzja lejn xi parti. Din il-Qorti, bhala qorti ta' revizjoni, xorta ghandha tezamina l-provi kollha akkwiziti, sabiex tistabbilixxi jekk il-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti kinitx wahda li dik il-Qorti setghet ragjonevolment tasal ghaliha.

**<u>Responsabbilta`</u>**

15. Din il-Qorti taqbel mal-appellant sa fejn jinghad minnu li r-responsabbiltajiet tas-socjeta` konvenuta appellata huma dawk naxxenti

mir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-kontendenti fil-kawza. Jinghad ukoll li l-obbligi kemm ta' min ihaddem, kif ukoll tal-haddiem huma rizultanti mil-ligi li titratta l-materja. Ghalhekk ai termini tal-provvediment tal-Artikolu 6(2) tal-Kap. 424 (Att dwar l-Awtorita` ghas-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol), wiehed isib fost affarijiet ohra, l-mizuri li ghandhom jittiehdu minn min ihaddem sabiex jevita dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol, li ghandhom jittiehdu fuq il-bazi ta' dawn il-principji generali ta' prevenzjoni:

> ***"(a) li jiġi evitat riskju;***
> ***(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;***
> ***(c) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;***
> ***(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;***
> ***(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun inqas perikoluż;…"***

Applikati dawn il-kriterji rizultanti mill-provvediment tal-ligi ghall-kaz in ezami, jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` konvenuta gustament tinvesti f'tahrig ta' sahha u sigurta` ghall-haddiema taghha, u jsiru *risk assessments* (ara xhieda ta' Mario Delicata tas-7 ta' Frar, 2014) relevanti huma r-riskji identifikati mill-istess socjeta` appellata kif rizultanti mid-dokumenti esebiti bhala Dok. MD1 u Dok. MD2, minn qabel l-incident, koncernanti l-hadid li jithalla sparpaljat f'nofs il-passaggi. Izda kif gustament osservat mill-ewwel Qorti l-incident sehh in parti konsegwenza tas-socjeta` konvenuta li tispezzjona l-vapur qabel tibghat il-haddiema fuqu u in parti konsegwenza tan-nuqqas tas-socjeta` konvenuta li twaqqaf

jew tara li jitwaqqfu s-*safety rails* (ara Dok. MD2). Li kieku twettqet spezzjoni tal-vapur qabel ma ntbaghtu l-haddiema tas-socjeta` konvenuta appellata li jwettqu x-xoghol mehtieg, minn tali spezzjoni kienu jirrizultaw kemm in-nuqqas ta' *safety rails,* kif ukoll il-hadid sparpaljat li fih tfixkel l-attur appellant u konsegwentement setghet tiehu l-mizuri xierqa sabiex jitnaqqas il-perikolu u konsegwentement, il-potenzjal li jsehh incident.

16. Kif inghad diversi drabi mill-Qrati taghna, min ihaddem ghandu d-dover li jipprovdi post tax-xoghol li ma jkunx ta' perikolu u riskju ghas-sahha tal-haddiem. Kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-20 ta' April, 2007, fil-kawza fl-ismijiet **Mayer Scicluna v. TN Waterproofing Limited:**

> *"**Jekk mhux dejjem ikun possibbli li s-sit jigi invistat qabel ma jintbaghtu l-haddiema, min ihaddem ghandu, mal-haddiema tieghu, jibghat supervisor tal-esperjenza biex jara li s-sit fejn ikun se jahdmu l-haddiema ikun safe**. Hu presumibbli li f'sit ta` kostruzzjoni jkun hemm debris u imbarazz mixhud 'l hawn u 'l hinn, u hu obbligu ta` min ihaddem biex jaghmel tajjeb ghal dik l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u ghaqal, li jaqghu fiha l-haddiema u li hafna drabi hi indotta mill-istess natura tal-attivita` industrijali ("<u>Grech vs Farrugia noe</u>", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta` Dicembru, 1994). **Kif intqal drabi ohra "employees tend to get careless about risks involved in their daily work", u hu l-obbligu ta` min ihaddem li jikkawtela kontra dan** ("<u>Schembri vs Caruana noe</u>", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-12 ta` Jannar, 1983)."* (enfasi ta' din il-Qorti).

Ladarba s-socjeta` konvenuta naqset mid-dover taghha li tassikura li l-lant tax-xoghol kien wiehed sigur ghall-haddiema taghha, u naqset ukoll milli tipprovdi supervizjoni adegwata, fatturi li certament kienu

determinanti ghall-incident in kwistjoni, ghamlet sew l-ewwel Qorti meta allokat ir-responsabbilta` principali fuq is-socjeta` konvenuta appellata.

17. Min-naha l-ohra, jitqies li l-ewwel Qorti kellha ragun ukoll meta sahqet li huwa d-dmir ta' kull haddiem li jissalvagwardja s-sahha u s-sigurtà tieghu nnifsu, kif ukoll dik ta' persuni ohra li jistghu jigu affetwati bix-xoghol li jkun qieghed isir. Dan id-dmir huwa sancit fil-provvediment tal-ligi stess (ara Artikolu 7 tal-Att dwar l-Awtorita` ghas-Sahha u s-Sigurta` fuq il-post tax-Xoghol – Kap. 424 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll dak citat mill-ewwel Qorti rizultanti mir-Regolament 15 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 424.18). Huwa risaput li l-haddiem jista' jkun mizmum responsabbli ghal incident jekk ma jimxix mal-ordnijiet tal-principal senjatament jekk ghamel xi haga specifikament kontra dawk l-ordnijiet. Il-haddiema ma jistghux jinsew li huma ghandhom l-obbligi wkoll li jaraw li mhux qed jissottomettu lilhom infushom ghal xi periklu esagerat, li ma jihdux riskji zejda u li jinfurmaw lill-imghallem taghhom jekk ihossu li hemm xi periklu sproporzjonat. M'ghandhomx jaghmlu xoghol bil-ghaggla, li jista' jwassal ghall-korriment taghhom jew tal-kollegi fuq ix-xoghol. Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, tabilhaqq hekk kif l-attur tela' fuq il-passagg tad-*deck* u *ex admissis* ra l-passagg mimli vireg, *bottlescrews* u affarijiet ohra, ma kellux jiehu riskju u jibqa' ghaddej. Kwindi din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti, meta qieset li kien hemm nuqqas ta' attenzjoni da parti tal-attur, li ghazel li jiehu riskju bla bzonn

meta baqa' ghaddej, minkejja li l-passagg kien ingumbrat bil-hadid u m'ghamilx rapport lill-imghallem.

18. Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-28 ta' April, 2017, fil-kawza fl-ismijiet **Maurice Fenech et pro et noe v. Jacksons Company Limited et:**

> *"Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Sammut v. Clamus Holding Limited (27 ta' Settembru 2012 – konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-principju fl-2016) ezaminat din il-kwistjoni fil-fond u ghamlet dawn l-osservazzjonijiet eruditi li din il-Qorti taqbel maghhom pjenament;*
>
> "*Illi, kif ingħad aktar qabel, il-prinċipju tal-liġi jrid li kulħadd iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu Iżda huwa wkoll miżmum u aċċettat li jrid jintwera li, minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il- ħtija li ikkaġunat id-dannu attwalment imġarrab. Fuq kollox, il-liġi trid ukoll li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb jew tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet. Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjeta' għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il- ħsara. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li* ***onus incumbit ei qui dixit****, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjeta' tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha;*
>
> "*Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ- ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjeta' min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali,* ***wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjeta' fejn l-impjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata mis-superjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu, jew meta l-impjegat***

> ***jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu**. Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima **li volenti non fit iniuria;***"
>
> "Jinsab affermat illi "*meta jkun hemm htija kontributorja da parti tad-danneggat, huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabbilixxi l-proporzjon li fiha huwa kkontribwixxa ghal, jew ikkaguna l-hsara li garrab sew jekk id-danneggjant jew danneggjanti jkunu kkagunaw id-dannu b'semplici kolpa jew anke b'dolo, minghajr ebda regola prestabbilita mil-ligi stess li tistabbilixxi l-proporzjon ghal nofs jew frazzjoni ohra. Kollox f'kull kaz jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tieghu" (Joseph Galdes v. Victor Micallef, Appell Civili, 20 ta' Jannar 1964, a Vol. XLVIII P I p 59); (David Scerri v. Anthony Scerri et, 3 ta' Ottubru 2003, Prim'Awla).*
>
> *"F'sitwazzjoni bhal din jinstab stabbilit illi fejn tirrizulta htija kontributorja huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabilixxi hi skond ic-cirkostanzi tal-kaz il-proporzjon tar-responsabilita`. U fejn din ma tistax tigi maqsuma b'certezza ghandha tigi diviza ugwalment." (Ara Kollezz Vol XLVIII p I p 59). (Fenech v. Montebello, Appell Inferjuri, 20 ta' Ottubru 2003)."* (enfasi ta' din il-Qorti).

19. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti ssib li r-ragunament tal-ewwel Qorti fil-konfront tal-kontributorjeta` tal-attur ghandu mis-sewwa. Kuntrarjament ghal dak li jinghad mill-attur appellant, il-fatt li kien liebes l-ilbies protettiv kollu moghti lilu, wahdu u fih innifsu mhux bizzejjed, peress li s-sens komun kien jiddetta li hekk kif l-attur tella' is-sellum ghal fuq il-passagg, huwa stess kellu jitlob li jitpoggew is-*safety rails* u li jitnehha l-hadid sparpaljat mal-passagg, qabel ma jipprocedi jghaddi minn fuqu. Ir-responsabbiltajiet ta' min ihaddem u d-dmirijiet tal-haddiem ghandhom jimxu id f'id ma' xulxin sabiex jigu evitati l-incidenti bhal dak in ezami. Ghalkemm din il-Qorti tinsab konvinta li n-nuqqas ta' attenzjoni da parti

tal-attur, li ha riskju zejjed meta pproceda fuq il-passagg in kwistjoni, certament jikkostitwixxi parti min-ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpuz u l-konsegwenza dannuza u ghalhekk ikkontribwixxa ghall-incident li huwa garrab, madankollu tqis xieraq li tvarja l-percentwal ta' responsabbilta` tal-attur ghal dak ta' 20%, in kwantu tqis xieraq li l-percentwal jitnaqqas sabiex jirrifletti ahjar ir-responsabbiltajiet rispettivi tal-kontendenti fil-kawza. Ghalhekk din il-Qorti tqis li ghandha tvarja biss dak deciz mill-ewwel Qorti, sa fejn il-grad ta' responsabbilta` allokata fuq iz-zewg kontendenti fil-kawza ser jigi aggustat kif appena spjegat.

**<u>Likwidazzjoni ta' Danni</u>**

20. Fir-rigward ta' dan l-aggravju tal-attur appellant jifrex dan l-ilment tieghu fuq hames fatturi differenti: (a) il-grad ta' menomazzjoni; (b) is-salarju tal-attur li fuqu gew ikkalkolati d-danni; (c) il-*multiplier*; (d) il-*lump sum deduction* u (e) dwar it-telf ta' paga.

**<u>Lucrum Cessans: Grad ta' debilita` permanenti</u>**

21. In kwantu ghar-rata ta' debilita` permanenti, jigi osservat li kif inghad minn **Morris L.J.** fil-kawza Ingliza fl-ismijiet **Scott v. Musial**:

> *"The fixation of damages is so largely a matter of opinion or of impression that differences of calculation or assessment are to be expected. There is to some extent an exercise of judicial discretion."*

F'dan il-kaz il-perit mediku appuntat mill-ewwel Qorti qies li l-attur qieghed isofri minn dizabilita' permanenti ta' 12%, filwaqt li t-tabib inkarigat mill-istess attur kien wasal ghar-rata ta' 18%. Jigi nnutat li minkejja d-diskrepanza fil-percentwali ta' dizabilita`, l-attur ma talabx li jinhatru periti medici addizzjonali sabiex jikkontesta l-percentwal stabbilit mill-perit mediku appuntat mill-ewwel Qorti. Jinghad ukoll li, huwa minnu li l-gurisprudenza tal-Qrati taghna stabbiliet li tali percentwal m'ghandux jigi marbut semplicement mal-grad ta' dizabilita` f'sens strettament mediku, izda ghandu jittiehed konsiderazzjoni tal-effett li dik id-dizabilità ghandha fuq il-hajja lavorattiva tad-danneggjat u fuq l-effett li din ghandha fuq il-kapacita` tal-qligh tieghu. Issa fil-kaz in ezami, ma jirrizultax li l-incident in kwistjoni kellu impatt negattiv fuq ix-xoghol tal-attur mas-socjeta` konvenuta, peress li baqa' jaghmel l-istess xoghol. L-impatt li l-incident seta' kellu fuq il-hajja lavorattiva tal-attur huwa fis-sens li jinghad li qabel l-incident, kien jaghmel xi xoghol fil-bini, mentri wara l-incident, ma setax jibqa' jaghmel dak it-tip ta' xoghol ta' strapazz (ghalkemm ma tressqet l-ebda prova dwar kemm l-attur kien iwettaq dan it-tip ta' xoghol u lanqas x'kien id-dhul li kellu minn tali xoghol). Madankollu mill-provi jirrizulta wkoll li wara l-incident, l-attur kien jaghmel xi xoghol ta' tibjid u tqeghid tal-madum. Fi kwalunkwe` kaz, kien jispetta lill-attur li jressaq provi konvincenti in sostenn tal-impatt negattiv li l-incident kellu fuq il-hajja lavorattiva shiha tieghu a bazi tal-principju li min jallega jrid jipprova, jew

tal-inqas jitlob il-hatra ta' periti addizzjonali sabiex jikkontesta l-percentwal stabbilit mill-perit mediku appuntat mill-Qorti. Fin-nuqqas, din il-Qorti ma tarax li ghandha tbiddel tali percentwal ta' dizabilita`.

**<u>Lucrum cessans: Qligh tal-appellant</u>**

22. Imiss li jigi trattat l-ilment tal-attur appellant fir-rigward tat-tnaqqis tal-percentwal ta' 15% mill-paga tal-attur, in konsiderazzjoni ta' taxxa li jhallas kull sena, u li kellu jigi adoperat is-salarju gross ghall-fini li jigi kkalkulat il-*lucrum cessans.*

23. Kif kellha okkazjoni tesprimi din il-Qorti, l-komputazzjoni tat-telf tal-qligh futur (*lucrum cessans)* ghandu jsir a bazi tad-dhul gross u f'dan is-sens taqbel mal-attur appellant f'din il-parti tal-ilment tieghu sa fejn jinghad minnu li fuq medda ta' zmien il-paga normalment tizdied. Dan kif jipprova l-istess attur fejn mir-rendikont tad-dhul tieghu jirrizulta li, fuq medda ta' erba' snin il-paga gross tieghu zdiedet progressivament. Dan b'zieda mal-fatt tal-inflazzjoni u l-impatt li thalli fuq is-sahha tal-valuta, jaghmel it-tnaqqis fittizju ta' rata ta' taxxa fuq somma li tkun qeghda tithallas f'daqqa, ezercizzju gudizzjarju azzardat u x'aktarx arbitrarju. F'dan is-sens gew decizi s-sentenzi ta' din il-Qorti tas-27 ta' Jannar, 2021, fil-kawza fl-ismijiet **Victor Fenech v. Malta Freeport Terminals Limited** u dik tas-6 ta' Ottubru, 2020, fil-kawza fl-ismijiet **Silvan Farrugia v.**

**Carmelo Gatt.** F'din l-ahhar sentenza saret referenza ghall-gurisprudenza ohra li titqies relevanti wkoll ghal dan il-kaz:

> *"il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Carmela Muscat pen v. Francis Schembri et. (PA, 27/01/1972) fejn il-Qorti osservat li ghandha biss il-kompitu li tillikwida d-danni ghat-telf ta' qliegh futur u mhux*
>
>> *"…taghmilha ta' speci ta' tax collector bir-rizultat li tiffavorixxi d-debitur tad-danni u taggrava lid-danneggata, in kwantu l-ewwel wiehed jigi jhallas inqas milli ghandu proprjament jigi likwidat u t-tieni wiehed, ghall-bzonn, ikun irid jerga' jaraha mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, bil-possibilita li jkun gie qiesu hallas it-taxxa darbtejn, darba lid-debitur u darba ohra, fuq is-somma gia minorata, lill-Gvern. Fi kwalunkwe kaz l-income tax ghandha tithallas lill-Gvern u mhux lid-debituri ta' obbligazzjonijiet civili u l-kalkolu taghha jista' jiddependi fuq diversi cirkostanzi, fir-rapport intern bejn il-Gvern u d-danneggat, li l-Qorti ma tkunx taf xejn fuqhom u ghalhekk il-Qorti lanqas ma ghandha biss tesprimi opinjoni, fuq haga li mhix ta' kompetenza taghha."*
>
> *"In oltre kif intqal fil-kawza George Borg et v. Anthony Borg et (App 20/10/2008):*
>
>> *"Barra minhekk, il-fatt li l-Ewwel Qorti ma ghamlet ebda tnaqqis minhabba t-taxxa tad-dhul u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali ma ghandu jimpingi bl-ebda mod fuq il-kwantifikazzjoni tal-qliegh futur tad-danneggjat u dana billi huwa principju ormaj generalment accettat li huwa l-gross salary li huwa relevanti biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni kemm huwa dovut lid-danneggjat jekk dan jipprova l-kaz tieghu."*

24. Meta l-Qorti tqis li fis-sena ta' meta sehh l-incident l-appellant kellu dhul gross ta' €26,096, (u l-medja ta' qligh dik is-sena ghall-haddiema bhall-attur kienet ta' €29,640) u fis-sena 2013, il-paga gross tieghu kienet ta' €35,046, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti sa fejn ibbazat il-kalkoli taghha fuq paga ta' €37,000 fis-sena, b'dan illi ma kellu jsir l-ebda tnaqqis minhabba hlas ta' taxxa. Il-Qorti pero` ma taqbilx mal-attur appellant meta jsostni li l-kalkoli kellhom isiru fuq paga annwali gross

ta' €42,550, peress li l-awment adoperat mill-ewwel Qorti sabiex hadet in konsiderazzjoni zidiet futuri jitqies wiehed xieraq.

**Lucrum cessans: Multiplier**

25. L-attur appellant jikkontesta wkoll il-*multiplier* adottat mill-ewwel Qorti, in kwantu filwaqt li huwa kellu 46 sena meta sehh l-incident u kunsidrata l-eta` pensjonabbli tieghu hija ta' 65 sena, jikkontendi li *multiplier* gust kellu jkun dak ta' 16 u mhux dak ta' 13-il sena adottat mill-ewwel Qorti.

26. Kif kellha okkazjoni din il-Qorti tikkumenta fir-rigward tal-*multiplier* f'diversi okkazjonijiet ohra, ghalkemm ghandu jittiehed qies tal-eta` tad-danneggjat fil-mument li sehh l-incident, (ara per ezempju **Salvatore Mifsud v. Carlo Camilleri et** deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Novembru, 1983) normalment f'kazijiet bhal dawn, m'ghandux isir semplici tnaqqis bejn l-eta` tal-irtirar, u l-eta` tal-persuna fil-mument ta' l-incident, izda l-*multiplier* irid jinkorpora go fih dak l-element ta' *chances and changes of life or vicissitudes of life*. Ghalkemm il-Qorti ghandha tfittex li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga' tqieghed lil tali persuna fl-istat li kienet qabel l-incident, m'ghandux jittiehed biss il-*maximum working life expectancy* tad-danneggjat. Il-kuncett ta' *chances and changes of life*, gie introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-

komputazzjoni tad-danni a bazi tal-principju li hadd ma jaf il-futur u ghalkemm persuna tista' tghix sa eta` avvanzata, il-hajja tghallimna mod iehor. Isegwi li l-*working life expectancy* m'ghandux ikun ikkunsidrat kollu ghal fissazzjoni tal-*multiplier*. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti, fil-kawza **Francis Gauci v. Jimmy Bugeja**, deciza fis-27 ta Novembru, 2009.) F'dan is-sens ukoll, fis-sentenza ta' din il-Qorti, fl-ismijiet **Anthony Turner et v. Francis Agius et** deciza fit-28 ta' Novembru 2003, fejn saret referenza ghall-awtur Ingliz fuq il-materja fejn inghad hekk:

> *"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income.* (The Law of Tort - W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. P.228)"

Inghatat ukoll is-segwenti definizzjoni fir-rigward tal-*multiplier:*

> *"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases."* (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122**).

27. Fil-principju din il-Qorti taqbel mal-*multiplier* adoperat mill-ewwel Qorti. Madankollu, fil-mori tal-proceduri rrizulta li, l-attur gie nieqes fit-12 ta' Dicembru, 2018, isegwi li l-*multiplier* f'din il-kawza ma jistax jeccedi d-

9 snin (differenza bejn l-2018, is-sena tal-mewt – u l-2009 is-sena meta sehh l-incident).

**<u>Lucrum cessans: Lump sum deduction</u>**

28. L-attur appellant jikkontesta wkoll il-*lump sum deduction* ta' 15% adottata mill-ewwel Qorti minhabba li l-proceduri gew decizi f'dak l-istadju fi zmien erba' snin. L-appellant isostni li din il-Qorti ghandha tikkunsidra wkoll iz-zmien li fih baqghu pendenti l-proceduri sabiex jigu decizi finalment minn din il-Qorti.

29. Fil-kaz tat-tnaqqis bhala *lump sum payment,* skont kriterju li gie mistharreg mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Agius v. All Services Ltd**. deciza fit-2 ta' Gunju, 2005:

> "*f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ("lump sum payment") lill-beneficcjarji. Jekk id-decisjoni, pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-percentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li jekk kawza iddum aktar minn sentejn, il-percentagg jonqos b'zewg punti ghall-kull sena ohra li l-kawza iddum biex tigi decisa.*"

Huwa ritenut ukoll li dan it-tnaqqis ghandu jibda jigi kkalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza u mhux minn meta sehh l-incident (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Frar, 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Annunziata sive Nancy Caruana v. Odette Camilleri**) sakemm tinghata s-sentenza finali. Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, hawn ukoll

ghalkemm din il-Qorti tqis ragunat it-tnaqqis adoperat mill-ewwel Qorti, tenut kont il-fatt li, il-kawza giet intavolata fis-sena 2011, u kunsidrat il-fatt li ser tinghata sentenza finali f'dan il-kaz, wara ghaxar snin, din il-Qorti ma tqisx li ghandu jkun hemm tnaqqis bhala *lump sum payment* u ghalhekk ser tilqa' dan l-ilment tal-attur appellant.

**Damnum Emergens: Telf ta' paga**

30. L-attur appellant jikkontesta t-tnaqqis ta' 12% mis-salarju li tilef, rapprezentanti taxxa li kellu jhallas li kieku kellu dan il-qligh, kif ukoll it-tnaqqis ta' 30% bhala htija kontributorja. Huwa jsostni li t-telf effettiv tieghu kellu jkun dak ta' €15,185 minghajr ebda tnaqqis minnu.

31. Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha **Fenech v. Malta Freeport Terminals Limited,** hawn citata qabel, ghall-fini ta' likwidazzjoni ta' danni, id-*damnum emergens* u l-*lucrum cessans* ma jistghux jitqieghdu fl-istess keffa, peress li l-ewwel tip ta' danni jirraprezentaw telf effettiv imgarrab mid-danneggjat li jistghu jigu determinati facilment, filwaqt li t-tieni tip ta' danni, ma jistghux jigu kkalkulati b'mod daqshekk facli jew cert, fejn inghad ukoll:

> *"…din id-distinzjoni tinstab ukoll fid-duttrina li tagħraf bejn "past pecuniary loss" u "future pecuniary loss". Kemm hu hekk, huwa mgħallem li "Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest ... Obviously, damages for future*

*loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain. .. .. In relation to past loss the court will usually know all the factors relevant to the assessment of the loss. If it is a loss of earnings the court has only to ascertain and add up the net earnings lost, and if it is loss caused by out-of-pocket expenditure the court has only to ascertain and add up the total expenditure"[16];*

*"13. Illi għal dik il-parti tal-aggravju tal-appellant li titkellem dwar it-tnaqqis ta' taxxa tad-dħul mis-somma likwidata għal tul iż-żmien li ma daħalx għax-xogħol (jiġifieri dik li titkellem dwar "past pecuniary loss"), din il-Qorti ma tistax taqbel miegħu li s-somma kellha tkun likwidata fuq is-saħħa tal-paga grossa. Għall-kuntrarju tqis li dik il-likwidazzjoni messha ssir fuq id-dħul nett tiegħu[17]. Dan huwa xieraq ukoll għaliex jimxi mal-prinċipju li, fil-qasam tad-danni mġarrba, l-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun immexxi mill-għan tar-restitutio in integrum safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa' jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqslikieku ma kien ġralu xejn[18]. Min-naħa l-oħra, li kieku l-appellant ma ġralux dak li ġralu, huwa kien jitħallas il-paga netta matul iż-żmien imsemmi[19];*

32. Applikati l-istess principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti tqis li fil-kaz ta' *damnum emergens,* ghamlet sew l-ewwel Qorti li naqqset kemm it-12% taxxa li l-attur ma hallasx u ghalhekk ma tilifx, kif ukoll it-30% minhabba l-element ta' kontributorjeta` da parti tal-attur, b'dan illi gialadarba din il-Qorti qeghda tvarja l- percentwal ta' htija kontributorja da parti tal-attur ghal 20%, irid isir l-aggustament mehtieg.

[16] Kemp (Ed), *Damages for Personal Injury and Death*, (3rd Edit.) §§ 3.02, 3.03 u 3.06, f'paġġ. 64 – 5
[17] Kemp *op cit* § 3.20, f'paġ. 70
[18] P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet *Maria Debono v. Andrew Vaswani* (mhix appellata)
[19] Ara App. Ċiv. 6.10.2020 fil-kawża fl-ismijiet *Silvan Farruġia v. Carmelo Gatt et* § 12

33. Ghalhekk sa fejn id-danni likwidati mill-ewwel Qorti jitrattaw id-*damnum emergens,* dawn qeghdin jigu varjati minn din il-Qorti fl-ammont ta' €10,690. Filwaqt li, ladarba l-aggravji tal-attur appellant qeghdin parzjalment jintlaqghu u kunsidrat li fil-mori tal-proceduri lahaq miet l-attur, tvarja wkoll il-likwidazzjoni fir-rigward tal-*lucrum cessans* sabiex tapplika c-cifra shiha ta' €37,000 bhala l-qligh gross tal-attur li fuqu kellhom jinhadmu d-danni ghall-iskop ta' qligh futur li ghandhom jigu mmultiplikati b'9 bhala moltiplikand u b'12% bhala r-rata ta' debilita` permanenti sabiex iwasslu ghal total ta' €39,960, li minnhom m'huwa ser jitnaqqas xejn bhala *lump sum deduction.* It-tnaqqis li jonqos li jsir huwa l-percentwal ta' 20%, bhala htija kontributorja (€39,960 - €7,992) li jwassal ghal bilanc ta' €31,968, bhala *lucrum cessans.* Kwindi t-total tad-danni ghandhom jigu riveduti ghas-somma totali ta' €42,658.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-appell interpost mill-attur dwar is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-13 ta' Novembru, 2015, fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi tilqghu *in parte* u filwaqt li thassarha u tirrevokaha sa fejn illikwidat l-ammont ta' kumpens dovut lill-appellant fis-somma ta' tmienja u tletin elf, hames mija u hamsa u erbghin ewro (€38,545) u minflok tirriformaha billi tillikwida s-somma ta' kumpens ghad-danni fl-ammont ta' tnejn u erbghin elf, sitt mija u tmienja u hamsin

ewro (€42,658) u tikkonfermaha fil-bqija. Tordna li l-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu in kwantu ghal hamsa u tmenin fil-mija (85%) mis-socjeta` appellata u hmistax fil-mija (15%) mill-ahwa Baldacchino li assumew l-atti fil-mori tal-proceduri.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr